QALA

Ref Nru: 39

Il-minuti tad-disgha u tletin laqgha tal-hames legislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Hamis 2 ta' Dicembru 2010, fis-7:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg. |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri. |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg.<br>Victor Grech.<br>Jesmond Borg. |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Attivitajiet ghal zmien il-Milied 2010.**

2.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2010 li huma harga ghall-anzjani u nisa, serata ghall-familja, *football tournaments*, Premju Unur Gieh il-Qala u Konferenza Stampa – Inawgurazzjoni tal-Ktieb 'il-Magistrat Salvu Attard'. Gie diskuss il-programm li gie anness ma dawn il-minuti. Is-Sindku ppropona li ghal din is-sena l-Premju Unur Gieh il-Qala ghandu jinghata lil Peppu Xerri li huwa Socju tal-M.U.S.E.U.M subien Qala kif ukoll ta u ghadu jaghti servizz lill-komunita` tal-Qala. Il-Kunsill unanimament qabel ma din il-proposta.

**3 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 04811/10 – *Renewal of permission* PA 3105/05 – *Hard stone quarry. To extract and crush coralline rock.***

3.1 Il-Kunsill ircieva applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 04811/10 – *Renewal of permission* PA 3105/05 – *Hard stone quarry. To extract and crush coralline rock.* Giet diskussa d-differenza bejn il-pjanta ta' l-applikazzjoni orginali u l-permess mahrug mal-pjanta ta' l-applikazzjoni PA 04811/10 li hija *renewal* ta' dan l-istess permess imsemmi fuq. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* Austin Walker ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill talab laqgha dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* mill-Awtorita` ghall-ittra li bghat il-Kunsill. Intant il-Kunsill ircieva

wkoll notifiki t'avviz mibghuta minn Gordon Grech ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` b'referenzi ECF 00574/10, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar lil kumpaniji Joymar Co. Ltd. u Road Construction Co. Ltd. dwar zvilupp minghajr permess fl-sit fl-inhawi maghrufa bhala ta' Muxi li jikkonsisti minn garr, depositu fil-post u twittija ta' materjal inert u hamrija fuq art fil-kampanja bir-rizultat li ntraddmu hitan tas-sejjieh li kienu jezistu fil-post kif ukoll inbidlet il-formazzjoni originali ta' l-art. Giet diskussa wkoll il-laqgha li organizza l-Kunsill ghas-sidien li ghandhom xi raba`/ghelieqi f'dawn l-inhawi, li gew imwittija bil-hamrija minn dawn il-kumpaniji. Dawn is-sidien gew mitluba jgibu l-kuntratti tar-raba`/ghelieqi taghhom il-Kunsill sabiex isir kopji taghhom halli jigu pprezentati lill-Awtorita` waqt il-laqgha li l-Kunsill ser ikollu ma din l-istess Awtorita`. Diversi sidien gew fl-ufficcju tal-Kunsill fejn saru l-kopji tal-kuntratti taghhom.

4 Is-Sindku semma li hemm xi materji ohra li huma dawn li gejjien:

4.1 Ser tinhareg sejha ghall-offerti ghal kostruzzjoni ta' hitan tas-sajjieh u xoghol ta' preparazzjoni tas-sit relatat fi gnien ta' rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala u sejha ghall-kwotazzjonijiet ghas-Servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator*). Dawn is-sejhiet ser jinhargu inkonnessjoni mal-*European Agriculture Funds for Rural Development*. Huwa semma wkoll li ser jinhargu zewg offerti ohra li huma Provvista, Installazzjoni u Kummissjoni ta' Sistema tas-Sigurita` ghal *Photovoltaic Units* insallati fi Gnien ta' Rikreazzjoni tal-Qala fi Triq l-Imgarr, Qala kif ukoll xoghol ta' *resurfacing* ta' toroq taht l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

4.2 Is-Sindku semma li gew mitluba xi stimi ghall-provvista ta' *turf* ghal gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.

4.3 Is-Sindku semma li nharget skema ghal ghajnuna finanzjarja ghal progetti tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi l-kontribuzzjoni taghhom ghall-implementazzjoni ta' *Eco-Gozo short measures (2010-2012).* Din l-iskema inharget mill-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku ssuggerixxa li ghandha tigi ssottomessa applikazzjoni ghat-tkomplija tal-gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Gew trattati l-kundizzjonijiet ta' din l-iskema. Giet trattata wkoll ittra mibghuta mill-Ing Marco Cremona dwar il-proposta tieghu dwar mizuri relatati ma' l-ilma li biha tkun tista tigi ssottomessa applikazzjoni. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara jistax jissottometti zewg applikazzjonijiet.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2011.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |